**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 14 ta' Ottubru, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**-vs-**

**Abdulahi Adam Ibrahim, detentur ta' dokument tal-identità numru 9001175A;**

Kumpilazzjoni Nru. 122/2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Abdulahi Adam Ibrahim talli:

Fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Marzu 2016 f'Birżebbuġia:

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Hussein Abdullahi Jama, minħabba li l-istess offiża se tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-moħħ, kif ukoll sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ tal-istess Hussein Abdullahi Jama, skont kif iċċertifikat minn Dr Sarah Anne Caruana Galizia MD mill-Isptar Mater Dei;
2. għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew jekk kien provokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti kienet miltuba toħrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll tapplika l-artikoli 383, 384 u 385 tal-istess Kap għas-sigurtà ta' Hussein Abdullahi Jama, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija , ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Fl-aħħarnett il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-15 ta' Settembru, 2016[1], permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 214, 215, 218 (1)(a), (b), (2) u 217 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikoli 339 (1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(iii) Fl-artikoli 412C, 383, 384, 385 u 386 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(iv) Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazjoni.

Ikkunsidrat-
Illi l-imputat gie akkuzat primarjament talli ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Hussein Abdullahi Jama.

Illi l-parte leza xehed li kien jaf lill-imputat ghax fil-2014 kien jghix mieghu gewwa dar ohra u meta kien talbu biex imur jghix ghal ftit zmien mieghu gewwa id-dar il-gdida tieghu fil-Qajjenza, ix-xhud kien accetta izda qallu li kien biss ghal 10 ijiem. Ix-xhud jghid li dakinhar tal-incident hu kien hareg jixrob il-birra u xhin irritorna lura qal lill-parte leza sabiex, issa li l-ghaxart ijiem kienu skadew, kellu johrog mir-residenza tieghu [tax-xhud]. L-imputat kien inkorla mieghu ghaliex qallu li mhux sew li kien qed jixrob u beda jheddu li kien ser joqtlu. Dak il-hin l-imputat hareg mir-residenza mar gab zappun u beda jtih daqqiet fuq idu, fuq il-kustilji u fuq mohhu.[2] Ix-xhud jghid li ma kienx jaf minn fejn l-imputat sab iz-zappun filwaqt li ammetta li sabiex jiddefendi lilu nnifsu kien gidem lill-imputat.[3] In kontro-ezami jispjega li hu kien xtara xi flixken tal-birra biex jixrobhom gewwa r-residenza tieghu u ta' dan l-imputat kien irrabja bil-bosta u heddu li la kien

[1] Vide Nota ta' Rinviju Ghall-Gudizzju fol. 86
[2] Fol.11
[3] Fol.12

qed jixrob kien ser joqtlu. Ix-xhud qal li ma hasx li l-parte leza kellha tindahal x'jaghmel go daru u fakkru li hu suppost kellu jhalli r-residenza tieghu issa li kien ghadda aktar minn ghaxart ijiem.[4]

Illi Qalid Adan Abdullahi xehed li hu kien jghix fl-istess apartament mal-parte leza fejn hemm zewg kmamar tas-sodda li f'kamra minnhom jorqod hu flimkien ma familtu u fl-ohra l-imputat u l-parte leza. Jghid kif kien rieqed go kamartu meta sema glied, qam jara u ra lill-imputat u l-parte leza fl-idejn u it-tnejn bid-demm fuq gismu.[5] Ix-xhud qal li kien ra sikkina u zappuna izda ma jafx ta min kienu u rahom biss mal-art quddiem il-bieb ta' kamra minnhom.[6]

Illi PS1298 Lambert Zammit xehed kif l-pulizija kienet msejjha gewwa dar fi Triq il-Mandolina, Birzebbugia, fejn flimkien ma PC829 u PC1226 sabu lill-imputat fit-triq. Dan kien infurmahom li kellu gliedu mal-*flatmate* tieghu wara li dan tal-ahhar kien aggredih b'sikkina. Meta l-pulizija dahhlu fir-residenza li giet indikata lilhom mill-imputat sabu lil parte leza bid-demm hiereg minn rasu mimdud fuq is-sufan. Is-sikkina, li gja saret riferenza ghaliha u li kienet tul ta' riga, instabet fuq il-gwardarobba fil-kamra li kienu jorqdu fiha l-imputat u l-parte leza. Fuq il-post kien hemm hafna demm kif ukoll zappun li f'parti minnu kellu d-demm. L-imputat kien soffra gidma f'subajh li giet certifikata bhala ta' natura serja. Fil-kamra tas-sodda kienu nstabu tliet flixken Cisk.[7] Iz-zappun u s-sikkina gew esebiti mis-Surgent Zammit.[8] Riprodott[9] is-surgent kkonferma li dakinhar tal-incident hu kien ha diversi ritratti li gew esebiti mill-Ispettur Johann Fenech.[10]

Illi l-Ispettur Johann Fenech xehed dwar l-involviment tieghu f'dan il-kaz fejn wara li kien infurmat mis-subalterni tieghu dwar l-akkadut, kemm il-parte leza kif ukoll l-imputat kienu inzammu taht arrest ghall-iktar investigazzjonijiet u fil-fatt l-imputat irilaxxa stqarrija.[11] Interrogat l-imputat kien kkonferma dak li kien diga qal lis-surgent u spjega li kien rieqed fis-sodda xhin dahal l-parte leza, Jama, li kien fis-sakra u qallu jitlaq il-barra mil-flat jew kien ser itih daqqa ta' sikkina li kien qed jippontaha lejh. L-imputat kif ra lil Jama bis-sikkina mar gab zappun minn fuq sit ta' kostruzzjoni faccata tal-flat u xhin sab lil Jama jistennieh fil-bieb tah daqqtejn f'idejh fejn kien qed izzomm is-sikkina. Jama baqa' jzomm is-sikkina u ghalhekk l-imputat qal li tah daqqa fuq mohhu.[12] L-ispettur

---

[4] Fol.13
[5] Fol.16
[6] Fol.20
[7] Fol.23
[8] Fol.42
[9] Fol.100
[10] Fol.81 et seq.
[11] Fol.29; Vide Stqarrija Dok. JF fol.33 et seq
[12] Fol.30

spjega li hu kien kellem lil Jama li kien qallu li hu kien dahal go daru b'xi flixken birra u l-imputat qallu jkompli jixrob barra. Hu rrifjuta jaghmel dan ghax kienet daru u l-imputat hareg mar gab zappun u beda jtih biha. Jama ammetta li gidem lill-imputat u li kien qed jixrob izda mhux li hedded lill-imputat.[13] Riprodott l-Ispettur esebixxa diversi ritratti li kienu ttiehdu mis-Surgent Lambert Zammit.[14]

Illi Dr Sarah Caruana Galizia li kienet rrilaxxat certifikat mediku, Dok. JF1X, wara li ezaminat il-parte leza u sabet li kellu offizi ta' natura gravi, xehdet li dan kien sofra *"laceration over the frontal area of the midline, which was about 3cm in length and quite deep….laceration of 3cm length on the left forearm"* u abrazzjoni superficjali fuq l-abdomene ta' tlett centimetri (3cm) tul.[15]

Illi Dr Mario Scerri ezamina l-vittma u kkonstata li dan kellhu *"cikatrici fuq il-mohh kompatibbli ma' lacerazzjoni illi kienet giet suturata….tidher from within talking distance…cikatrici fuq l-id, fuq l-aspett medjali tal-id il-forearm…u cikatrici fuq in-naha tal-lemin tas-sider….driegh arm. Mill-elbow sar-wrist id forearm."*[16]

Illi xehdet Dr Christine Mizzi li kienet harget certifikat mediku li juri li l-imputat kien soffra griehi ta' natura sejra ukoll u dan billi kien gie determinat li kellu "*bite 4th digit of left hand, 2cm superficial abrasion over L cheek."*[17]

Illi l-imputat ghazel li jixhed u ta l-verzjoni tieghu ta' dak li sehh fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Marzu 2016. *"Kien fis-sakra dak li dahal, kont rieqed, gie qajjimni u qalli ohrog 'il barra minn din id-dar. Peress li rajtu xurban ghidtlu all right imma peress li l-lejl bhal issa tini cans sa ghada filghodu. Huwa rrifjuta u mar gab sikkina mill-Kcina. U gie mill-kcina b' din is-sikkina, nehha l-kutra li kelli fuqi u kien se jagredini bis-sikkina. Dan baqa' jkompli jagredini, jien bdejt niddefendi ruhi u tajtu daqqa fuq rasu. Mbaghad hargu l-girien, isseparawna u ghajtu lil Pulizija."* L-imputat jsostni li kien l-parte leza li qabad u gidmu, fuq wiccu u fuq subghajh u kien ghalhekk li hu rritalja u tah daqqa lura. Itemm ix-xhieda tieghu billi jghid li hu w l-parte leza regghu saru hbieb wara li haffru lil xulxin.

Illi mill-atti processwali l-imputazzjonijiet jirrizultaw pruvati u dan peress li l-verzjoni moghtija mill-parte leza aktar ghandha mis-sewwa min dik moghtija mill-imputat li ftit taghmel sens.

---

[13] Fol.31
[14] Fol.81 et seq.
[15] Fol.45
[16] Fol.55
[17] Fol.73, Dok. MC. Xhieda a fol.88-89

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konisderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-fedina penali tal-imputat u n-natura tar-reati addebitati lill-imputat li sa minn meta sehh ir-reat baqa' mizmum taht arrest. Fic-cirkostanzi piena karcerarja ma tkunx wahda idoneja.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 217, 218 (1)(a), (b),(2), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal 4 snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba a tenur ta' l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali billi m'hemmx aktar htiega taghha.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

Finalment ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti f'dawn il-proceduri.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**